**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Benny (Benedict) Zammit**
**Kenneth Micallef**

Numru: 33/2011

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Benny (Benedict) Zammit**, ta' erbgha u tletin (34) sena, bin Nazzareno u Anna neé Cilia, imwieled Pietà, nhar il-21 ta' Jannar, 1977, residenti fil-fond numru "Thanks God", Triq it-Tin, Zurrieq, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 138777(M)

u

**Kenneth Micallef**, ta' erbgha u ghoxrin (22) sena, bin Joseph u Rita neé Farrugia, imwieled Pietà, nhar is-06 ta' April, 1987, residenti fil-fond numru "Little Cottage", il-Kuncizzjoni, Rabat (Malta) u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 177787,

akkuzati talli nhar is-06 ta Marzu 2011 gewwa l-istabbiliment il-Mina, Triq Gharb, Ghawdex, ghall-habta tal-hamsa u hamsa (05:05hrs) ta' filghodu:

1. volontarjament ikkagunaw griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Micallef, billi taw daqqiet b'oggett iebes (lembuba) lill-imsemmi Christian Micallef f'wiccu u f'rasu;

2. volontarjament ikkagunaw griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta' Geraldine Sammut, billi taw daqqiet b'oggett iebes (lembuba) lill-imsemmija Geraldine Sammut f'idha;

3. fl-istess data, hin u cirkustanzi fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuni ta' Christian Micallef u Geraldine Sammut kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar, arma regolari, immitazzjoni ta' arma tan-nar jew immitazzjoni ta' arma regolari bi ksur tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebbew kontra Christian Micallef u Geraldine Sammut sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijijet ta' Malta;

5. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Lil Benny Zammit biss talli</u>**:

6. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi u xhur ta' qabel gewwa l-Gharb, Ghawdex, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, akkwista, kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun, zamm jew importa sustanza irritanti li huma projbiti;

**<u>Lil Kenneth Micallef biss talli</u>**:

7. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz u kif ukoll l-atti kollha tal-kawza mismugha mal-kawza odjerna.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "H" – *a fol.* 21).

Rat li, meta sar l-ezami ta' l-imputat, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 23 u 24).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 177).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 180).

[1] **Il-Pulizija vs. Geraldine Sammut et** (Kawza Distrett Numru 273/2011).

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 182), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 182).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 184 *et seq.* u *a fol.* 193 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geraldine Sammut et** (Kawza Distrett Numru 273/2011) f'liema kawza msemmija, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 tal-kawza msemmija, il-Qorti laqghet talba sabiex il-provi migbura fil-kawza msemmija jkunu japplikaw ghall-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni u tal-kawza mismugha maghha.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2011, xehed **Christian Micallef** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut ghal 5.00am hekk kif hu u t-tfajla tieghu Geraldine Sammut marru biex jidhlu ghal *after hour party* gew mitluba jhallsu €10.00 kull wiehed. Jghid li ma riedx ihallas €20.00 u wara li gie moghti lura €10.00 li kien hallas u qal lit-tfajla teghu Sammut li kien bla sens li l-istabbiliment fejn marru kienu ghadhom izommu l-flus fil-5.00am, Kenneth Micallef beda jofffendihom. Jghid li hu u Geraldine Sammut offenduh lura u habtu ghalihom Benny Zammit u Kenneth Micallef. Jahseb li Kenneth Micallef messu l-ewwel. Jghid li wiehed minnhom qabdu minn ghonqu, tajjarlu n-nuccali, tah zewg daqqiet fuq xufftejh u hass daqqiet

bhal ta' lembuba go dahru. Jghid li sema' lit-tfajla Geraldine Sammut tghajjat biex ihalluh. Jixhed li huwa kien mizmum 'l isfel u hekk kif tela' fuq saqajh, rega' hass zewg daqqiet ohra u ma jafx x'gara ezatt. Jghid li kien aktarx Benny Zammit li qabdu minn ghonqu u nizzlu 'l isfel. Jghid li spicca b'erba' punti go wiccu u kellu daqqiet go dahru. Jixhed li kellu jaghmel il-gibs u dam hames gimghat bih. Ra r-ritratti li gew immarkati minn Dok. "I 1" sa "I 9" (*a fol.* 22) u spjega x'inhuma.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 116 *et seq.*), jikkonferma li wara li sar il-hlas ta' €10.00 biex jidhol fl-istabbilment partikolari lilu ghamlulu r-*wrist band* u dahal u lil Geraldine Sammut ma hallewhiex tidhol. Jispjega li r-reazzjoni tieghu kienet li ma kienx *"worth it"* (*a fol.* 118) li jhallas ghal zewg min nies ghal ftit hin u ghalhekk rega' mar lura u talab il-hlas li kien ghamel biex jitilqu l-barra. Jghid li gholla lehnu daqxejn. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li beda joffendi lil kull min kien hemm prezenti, wiegeb: *"Le, ma niftakarx li offendejthom"* (*a fol.* 118). Jghid li mhux minnu li Benny Zammit hareg lilu u lil Geraldine Sammut il-barra pero jghid li Geraldine Sammut u hu hargu l-barra wahidhom. Jghid li hu waqa' mal-art ghax waqqghuh mal-art. Jixhed li kienet Geraldine Sammut li sabet in-nuccali tieghu li kien tarlu u kienet hi li taghtulu biex jilbsu. Jispjega li hu ma ra l-ebda lembuba pero jghid li hassha. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala waqt il-glieda beda jghid lil Benny Zammit u lil Kenneth Micallef: *"lili ma tafux min jien!"*, wiegeb: *"Fis-sahta tad-demm forsi. M'ghandix idea"* (*a fol.* 121).

In <u>ri-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 122), jispjega li, bid-daqqiet li gie moghti, huwa waqa' mal-art. Jghid li huwa gie mwaqqa' mal-art. Jixhed li x'hin huwa rcieva d-daqqiet li semma, huwa ggieled lura. Jghid ukoll: *"Wara l-ewwel daqqa li tawni, ha nghid hekk. Jigifieri provajt nilqa' lili nnifsi imma ma' tnejn ma tistax, ma nafx kemm tista'"* (*a fol.* 122).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2011, xehdet ukoll **Geraldine Sammut** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut Christian Micallef u hi kienu sejrin go post ghal 5.00am u wara

li gew mitluba l-flus biex jidhlu u sar il-hlas ta' persuna wahda biss, talbu l-flus lura. Tghid li huma u hergin il-barra, Christian Micallef beda jgerger ftit maghha peress li ma kienx gust li kienu saru l-5.00am u kienu gew mitluba jhallsu biex jidhlu fl-istabbiliment. Tispjega li huma u hergin il-barra, Benny Zammit beda joffendihom. Tghid li rrispondewhom lura u li huma u hergin il-barra, Benny Zammit u Kenneth Micallef marru ghalihom u li Benny Zammit qabad lil Christian Micallef minn ghonqu, lwieh 'l isfel, ghawwieglu dahru u beda jaghtih bil-ponn. Tispjega li Kenneth Micallef hareg lembuba u beda jaghti lil Christian Micallef go dahru. Tghid li bdiet tghajjat u twerzaq. Tispjega li z-zewg imputati baqghu jaghtu lil Christian Micallef u li Kenneth Micallef qabad il-lembuba u ta daqqa biha go dahar Christian Micallef bil-konsegwenza li Christian Micallef waqa' mal-art u gie gharkupptejh. Tghid li hi ppanikjat u ndahlet fin-nofs u laqtet id-daqqiet ta' lembuba fuq idha l-leminija. Tghid li Christian Micallef rega' gie fuq saqajh pero Kenneth Micallef baqa' jaghtih bil-lembuba u hi baqghet tghajjat u twerzaq. Rat uhud mir-ritratti immarkati minn Dok. "I 1" sa "I 9" (*a fol.* 22) u spjegat x'inhuma. Tghid li ghal griehi li soffriet hi sarilha l-gibs li damet bih hames gimghat.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 124 *et seq.*), tghid li Christian Micallef lil tal-bieb tal-istabbilment qalilhom biex ihalluha tidhol peress li ma kienux ser idumu hafna. Tichad li Christian Mciallef beda jinsulenta. Tghid li lilha qaliha: *"Ejja ha mmorru d-dar, ejja ha mmorru lura d-dar ghax dan mhux xoghol"* (*a fol.* 125). Tghid li huma u hergin il-barra, Christian Micallef ma kienx kalm (*a fol.* 125). Tixhed li Benny Zammit offendiehom, huma (Christian Micallef u Geraldine Sammut) offenduh lura u Benny Zammit mar jigri ghal Christian Micallef u qabdu minn ghonqu u bdiet il-glieda. Tghid li nghad il-kliem *"F'ghoxx il-liba ommok"* (*a fol.* 126). Tichad li kien Christian Micallef li qabad ma' Benny Zammit u x'hin ra hekk Kenneth Micallef mar jofroqhom. Tghid: *"Benny gie jigri, qabad lil Christian minn ghonqu; […] Kenneth gie u x'hin kien milwi Chris ghax Benny kien qed jaqbdu minn ghonqu, Kenneth beda jaghtih bil-lembuba. Ghalhekk indhalt jien imbaghad"* (*a fol.*

126). Tghid li x'hin bdew jiggieldu, indahlet hi u laqtet id-daqqiet f'idha. Tikkonferma li gabret in-nuccali ta' Christian Micallef imkisser mill-art. Tghid li f'hin minnhom mar xi hadd, li hi ma tiftakarx minn kien, qabad lill-wiehed mill-imputati u ferraqhom. Tghid li gimgha wara l-akkadut sarilha l-gibs u spjegat ghala ghadda dan iz-zmien. Tispjega li tul din il-gimgha idha kienet minfuha. Tghid li l-gibs tnehha minn idha madwar erba' gimghat wara.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2011, xehed ukoll **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 41 *et seq.*) rigward l-okkorrenza li giet mhejjija minnu, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "E" (*a fol.* 15 *et seq.*). Jghid li fuq il-persuna ta' Benny Zammit sab *pepper spray* li gie mmarkat bhala Dok. "ES 1" (*a fol.* 43). Jghid li Zammit qallu li ma kienx jaf li l-pussess tieghu kien illegali u li Zammit indikalu li s-sigill tal-i*spray* kien ghadu ntatt u li kien qatt ma ntuza. Ezebixxa l-ewwel certifikat li hadlu Christian Micallef li gie mmarkat bhala Dok. "ES 2" (*a fol.* 44). Jghid li wara Christian Micallef kien hadlu certifikat iehor fejn il-griehi li kellu gew deskritti bhala ta' natura gravi. Jghid li l-lembuba li giet imsemmija lilu ma nstabitx.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 (*a fol.* 110 *et seq.*), jghid li fuq il-post ma tax id-dritt tal-avukat lil Benny Zammit u Kenneth Micallef pero jista' jkun li tahom il-*caution*. Jghid li Geraldine Sammut ma kienitx qaltlu min kienu n-nies li mar jferrquhom waqt il-glieda. Jghid li fir-rapport imhejji minnu m'hemmx indikat li fir-rigward ta' Benny Zammit kien hemm certifikat mediku. Jghid li kellu xi hmura f'wiccu u kellu qisu nefha. Jghid li t-tfittxija saret fir-rigward ta' lembuba li allegatament sar is-swat biha, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv.

Illi fir-rapport (Dok. "E" – *a fol.* 15 *et seq.*) redatt minn PS 676 Edelon Spiteri jirrizulta li Benny Zammit, Kenneth Micallef, Anthony Meachen u Geraldine Sammut qalulu s-segwenti lil PS 676 Edelon Spiteri:

- Benny Zammit qallu: *"Jien kont fuq gew. Gie wiehed mat-tfajla u billi ma kelliex tag ghidtilha li bla tag ma tistax tidhol. Qabez hu u qalli 'tac-cajt taghmlu, jien Ghawdxi u mhux ha nhallas'. Jien ghidtlu fil-kaz halli t-tag u hu flusek lura. Kif ha l-flus u bdew hergin beda jparla fil-vojt u jhedded 'Ghadkom ma tafux min jien', u kompla jillatika ma' Kenneth li kien mal-bieb. Jien bdejt hiereg mieghu 'l barra sal-main door fejn hu waddabli xi haga ghal wicci u habat ghalija. Jien iddefendejt ruhi. Gie siehbi wkoll u hu telaq 'l hemm. Fl-ebda hin ma rajt lembubi"* (*a fol.* 18).

- Kenneth Micallef qallu: *"Jien kont mal-bieb tan-nofs. Naf li gie wiehed u ma riedx ihallas ghat-tfajla u hu u hiereg qabad jinsulenta u jhedded. Siehbi hareg mieghu 'l fuq u wara ftit indunajt li kien inqala' argument barra u kif mort fejnhom telqu 'l hemm. Jien fl-ebda hin ma uzajt lembubi"* (*a fol.* 18).

- Anthony Meachen qallu: *"Kont bil-qeghda hdejn il-cashpoint. Tan-nuccali offendihom hu u hiereg. Jien barra ma nafx x'gara"* (*a fol.* 18).

- Geraldine Sammut qaltlu: *"Morna l-Wilderness ghal hamsa u Chris beda jispjega li hu ticket outlet u li kien mistieden hemm. Huma qalulu biex ihallas u tawh band. Kif morna biex nidhlu, l-irqieq Zammit u qalli biex inhallas. Chris beda jitkellem ma' min kien in charge u wara ftit tah il-band lura u gabar il-flus. Ahna qbadna hergin u meta konna fejn il-main door ghajruna 'liba' u xi kliem iehor u ahna irrispondejna lura. Z-zewg bouncers gew ghalina, l-irqieq qabad lil Chris minn ghonqu, zammu milwi u tah bil-ponn u sabtu mal-hajt. Jien ippruvajt nwaqqfu imma ghalxejn u gie l-bouncer l-iehor bl-lembuba f'idu u beda jtih biha fejn gie gie u anke lili laqatni f'idi l-leminija. Lili mbuttani u lil Chris waqqghu mal-art. Gew xi nies u firduna u gejna l-Ghassa"* (*a fol.* 18).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2011, xehed ukoll **PC 1058 Noel Mercieca** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn spjega li mar fuq il-post tal-incident mas-Surgent u sabu zewg *bouncers* li gharaf li huma

Benny Zammit u Kenneth Micallef. Jixhed li fuq il-persuna ta' Benny Zammit instab *pepper spray* b'speci ta' torc fuqu.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 (*a fol.* 101 *et seq.*), jispecifika li huwa mar fuq il-post tal-akkadut flimkien ma' PS 676 Edelon Spiteri.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2011, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn qal li mar fuq il-post tal-akkadut ma' PC 1058 u ma' PS 676. Spjega li ra lil Benny Zammit u lil Kenneth Micallef u li fuq il-persuna ta' Benny Zammit instab *pepper spray* li gie elevat. Jghid li minkejja li saret tfittxija ghal lembuba, din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2011, xehed **Dr. Coronato Grech** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn qal li fis-6 ta' Marzu 2011 ezamina lil Geraldine Sammut fejn sab li kellha nefha u hmura qrib subghajha l-kbir. Jghid li feriti esterni ma kienx hemm u li hi setghet tharrek subghajha moderatament. Jghid li rriferiha ghal *x-ray*. Jixhed li ezamina wkoll lil Christian Micallef li spjega li kellu feriti f'xofftejh, fuq barra u fil-halq gewwa u li ghamillu madwar hames punti f'wiccu. Jispjega li Christian Micallef kellu wkoll brix f'idejh ix-xellugija fuq subghajh in-naha ta' barra, f'irkupptejh il-leminija, u brix hafif. Jghid li l-griehi li kellu Christian Micallef f'wiccu possibbilment jikklassifikhom bhala gravi. Ikkonferma l-kontenut tac-certifikati medici rilaxxati minnu, liema certifikati jinsabu mmarkati bhala Dok. "F" u "G" (*a fol.* 19 u 20). Jghid li l-griehi sofferti minn Geraldine Sammut u Christian Micallef kienu kompatibbli ma' xi haga solida. Jghid li lilu ssemmietlu lembuba. Wara li gie muri ritratt Dok. "I 9" (*a fol.* 22) u gie mistoqsi jghid jekk il-ferita li tidher hijiex kompatibbli mal-manku ta' lembuba, wiegeb: *"Jekk tidhol bil-ponta, iva"* (*a fol.* 53). Jghid li l-ferita fil-wicc ta' Christian Mciallef hija kompatibbli ma' daqqa ta' ponn. Wara li ra lil Christian Micallef *seduta stante* qal li l-gerha ghadha tidher fuqu.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 134 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk Christian Micallef ilmentax minn

ugiegh go ghonqu jew xi hmura jew xi haga, wiegeb: *"Le, hu qalli li kien qala' xi daqqiet fuq wiccu u fuq sidru però ma kienx hemm feriti"* (*a fol.* 135). Ma jiftakarx li xamm xi riha ta' alkohol.

In ri-ezami, li sar fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 136 *et seq.*), mistoqsi jghid kemm il-punti ghamel fuq ix-xuftejn ta' Christian Micallef, jghid: *"Kienet centimetru, minn tnejn (2) sa tlieta (3) ghax fil-wicc taghmilhom izghar"* (*a fol.* 136).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2011, xehed ukoll **PS 715 Lucian Gatt** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien mar fuq il-post tal-akkadut flimkien ma' PS 676 Edelon Spiteri. Jghid li fuq il-persuna ta' Benny Zammit instab *pepper spray* li kellu s-sigill tieghu ghadu ntatt.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 (*a fol.* 108 *et seq.*), meta mistoqsi jghid jekk hux minnu li huwa kien mar fuq il-post tal-akkadut, wiegeb: *"Le, ghax PS 676 kien talabni biex inwasslu fuq il-post"* (*a fol.* 109). Jghid li ma rax feriti fuq Benny Zammit u Kenneth Micallef.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2011, xehed **Mr. Raymond Aquilina** (*a fol.* 59 *et seq.*) (in segwitu tan-nomina tieghu bhala espert[2]) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu wara li ezamina lil Geraldine Sammut. Ir-rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "RA" (*a fol.* 60 *et seq.*). F'dan ir-rapport, Mr. Aquilina jikkonkludi hekk: *"In-natura tal-ksur li soffriet Ms. Sammut ghandha titqies bhala gravi per durata. Ghalkemm Ms. Sammut ghadha tilmenta bi skumdita' fis-sit ta' ksur fis-sebgha l-kbir tal-id leminija wiehed jistenna li din tfieq ghal kollox. Fi kliem iehor, dan il-ksur m'ghandux ihalli disabilita' permanenti"* (*a fol.* 61).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2011, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 63 *et seq.*) (in segwitu tan-nomina tieghu bhala espert[3])

---

[2] *Vide* verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2011 (*a fol.* 49 u 50).

[3] *Vide* verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2011 (*a fol.* 49 u 50). Il-Qorti tinnota li n-nomina ta' Dr. Mario Scerri kienet tirrigwarda biss lil Christian Micallef. *Di fatti*, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 165 u 166), il-Qorti ordnat illi l-parti tar-rapport redatt minn Dr. Mario Scerri li tirreferi ghal Geraldine Sammut ghandha tigi skartata minnha meta tasal ghall-gudizzju finali taghha. Dan huwa proprju dak li ser taghmel il-Qorti.

fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu wara li ezamina lil Christian Micallef u Geraldine Sammut. Ir-rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MS" (*a fol.* 65 *et seq.*). F'dan ir-rapport, Dr. Mario Scerri kkonkluda hekk:

> *"Illi c-cikatrici deskritta fuq ix-xoffa ta' fuq tal-halq kienet rizultat ta' lacerazzjoni li giet suturata li kienet ikkagunata minn blunt trauma fuq ix-xoffa.*
>
> *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq id-dahar kienu kollha fl-istess direzzjoni u l-esponent jaqbel li dawn huma kompatibbli ma' daqqiet bi strument tawwali li ma jaqtax u bla ponta bhal ma hija lembuba.*
>
> *Illi c-cikatrici deskritta fuq is-subgha tal-id il-leminija kienet rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma.*
>
> *Illi c-cikatrici deskritta fuq il-lumbar region tax-xellug ta' Micallef kienet rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma.*
>
> *Illi dawn il-lezjonijiet huma ta' natura hafifa ghajr ghal dik ta' fuq ix-xoffa tal-wicc li tista' tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc u li issa tidher izda mhux daqshekk konspikwa minn talking distance"* (*a fol.* 87-88).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2013, xehed **Benny (Benedict) Zammit** (*a fol.* 139 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien xoghol bhala *security* fl-istabbilment in kwistjoni. Spjega li Geraldine Sammut u Christian Micallef ippretendew li jidhlu b'xejn. Jghid: *"Xebgha argumenti, paroli ghax ma jridx ihallas, ma jridx ihallas, u minn hawn jew minn hemm hareg it-ten Euros (€10.00) tieghu. Ghamiltlu t-tag, u hu u diehel ilqajt lil Geraldine jien"* (*a fol.* 140). Jghid li l-hlas ta' Geraldine Sammut ma sarx u b'hekk ma kienitx ser tithalla tidhol. Jghid: *"Qabad jidghi kemm jiflah, qalli, tippretendi nhallas ten Euros (€10.00) ohra ghaliha issa? Ghidtlu r-regoli hekk qeghdin: itlaq 'il barra"* (*a fol.* 140). Jghid li Christian Micallef inghata l-flus lura li kien hallas u huma u hergin mill-bieb ta' barra Geraldine Sammut qabdet toffendi lil

Kenneth Micallef u huwa mar fin-nofs biex l-argument jieqaf. Jghid li f'dan il-hin Christian Micallef baqa' jparla fil-vojt. Jixhed li hekk kif waslu hdejn ix-xatba ta' barra, Christian Micallef kellu xi haga f'idu u waddabhielu (lil Zammit) u tah daqqa ta' ponn u tefghu bejn il-garra tal-inbid u l-hajt. Jghid li x'hin Christian Micallef qabad jaghti bl-addocc, hu (Zammit) laqa' ghall-affari tieghu. Jispjega li Christian Micallef beda jaghti qisu mignun u li lil Christian Micllaef ipprova jillokjah biex ma jhalliehx jolqtu bid-daqqiet. Jghid li Christian Micallef beda jfajjar bl-idejn. Jixhed li Kenneth Micallef qala' lil Christian Micallef minn fuqu (minn fuq Zammit) u telqu. Jghid li huwa kellu daqqa fuq ghajnejh. Jghid li Geraldine Sammut bdiet toffendi lil Kenneth Micallef b'ommu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ghandu licenzja biex jaghmilha ta' *security* u li din kien ilu li gabha madwar erba' jew hames snin qabel. Mistoqsi jghid jekk Christian Micallef beda jfajjar go wiccu ghal xejn, wiegeb: *"Dik li ma stajtx nemmen, ghax jiena kellimtu bil-kelma t-tajba"* (*a fol.* 142). Jghid li dak li ghamel Christian Micallef ma kienx ta' bniedem normali. Jghid li hu kellu ordni li hadd ma kellu jithalla jidhol b'xejn. Jichad li ta xi daqqiet f'dahar Christian Mciallef. Jghid li hu beda jilqa' d-daqqiet li beda jfajjar Christian Micallef. Jghid li d-daqqiet f'xuftejn Christian Micallef gew meta Christian Micallef waqa' mal-bankina.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Kenneth Micallef** (*a fol.* 148 *et seq.*) fejn ikkonferma dak li xehed Benny Zammit. Jispjega li Christian Micallef ried li jidhol b'xejn fl-istabbilment in kwistjoni u li wara xi hin iddecieda li jhallas tieghu biss u mhux ta' Geraldine Sammut. Jghid li Christian Micallef beda jilletika ma' Benny Zammit peress li Christian Micallef ried li Geraldine Sammut tidhol b'xejn. Jixhed li Christian Micallef u Geraldine Sammut inghataw il-flus li hallsu u huma u hergin, Geraldine Sammut offendiethom (lilu nkluz). Jispjega li Benny Zammit dahal quddiemu (quddiem Kenneth Micallef) u qallu li kien ser johroghom il-barra. Jispjega li f'hin minnhom sema' lil Geraldine Sammut tghajjat: *"Hallih, Chris, hallih Chris"* (*a fol.* 149). Jghid li hu (Kenneth

Micallef) hareg il-barra u sab lil Benny Zammit mal-art u lil Christian Micallef fuqu. Jghid: *"Qbadt lil Chris minn qaddu, gbidtu lura lejn il-gate, kif gbidt lil Chris lura dahlet Geraldine magenbi. Imbottajt lil Geraldine lura u Chris kien qieghed mal-art. Qam u ntefa' fuq il-bankina quddiemna u beda jghidilna, "Ma tafux min jiena, inpattiehilkom ghax" u bqajna nhar-, bla reazzjoni ta' xejn, ghax ghidna x'gara?"* (*a fol.* 149). Jghid li meta gew il-Pulizija, lilu ghamlulu tfittxija li rrizultat fin-negattiv. Jghid li fuq Benny Zammit instab *pepper spray* issigillat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-ordni li kellu kienet li kull min jigi kellu jhallas u jidhol. Jichad li f'xi hin Christian Micallef tkellem bl-edukazzjoni. Jghid: *"Kif qalulu [lil Christian Micallef] trid thallas qallhom mhux sewwa ghax jiena ticket outlet u beda jgholli lehnu ma' min kien inkarigat mal-biljetti"* (*a fol.* 150). Jichad li Benny Zammit u hu (Kenneth Micallef) daru ma' Christian Micallef u tawh go dahru u minn taht go wiccu. Jghid li ma jafx minn fejn gew il-griehi li sofra Christian Micallef. Jghid li hu qabad lil Christian Micallef u gibdu lura minn fuq Benny Zammit. Jghid li f'dan il-hin dahlet Geraldine Sammut biex tferraqhom. Jispjega li Christian Micallef qam bid-demm go wiccu u beda jghajjarhom. Jghid: *"Tajnieh in-nuccali minn mal-art li kellu minn mal-art"* (*a fol.* 154).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Anthony Mitchell** (*a fol.* 156 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien qieghed fil-bieb tal-entratura jitkellem ma' habib tieghu, waslu Christian Micallef u Geraldine Sammut li milli fehem bdew jippretendu li ma jhallsux biex jidhlu. Jghid li wara li sar il-hlas ta' wiehed u ma riedux idahhluhom it-tnejn, tawhom lura l-flus li kienu gew imhallsa u Benny Zammit eskortahom il-barra. Jghid li l-atteggjament ta' Christian Micallef u Geraldine Sammut kien wiehed aggressiv. Jixhed li dawn uzaw kliem dispreggjattiv u li Christian Micallef beda jghid li ma kienux jafu min hu. Jghid li Christian Micallef kien irrabbjat. Jghid: *"lilu niftakar daqxejn ecitat, hawn agitat ma' mas-security"* (*a fol.* 158). Jghid li, sa fejn jiftakar hu, il-komportament ta' Benny Zammit u Kenneth Micallef ma kienx wiehed ta' glied.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013, xehed **Dr. Michael Portelli** (*a fol.* 170 *et seq.*) fejn xehed fuq ic-certifikat mediku rilaxxat minnu fir-rigward ta' Benny Zammit, liema certifikat gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MP" (*a fol.* 172), il-kontenut ta' liema gie konfermat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jafx minn fejn giet kagunata l-ferita u li Benny Zammit ma qallux kif giet kagunata.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputati jinsabu akkuzati b'diversi imputazzjonijiet li huma allegatament wettqu dakinhar tas-6 ta' Marzu 2011 meta nholoq argument mal-kwerelanti. Qabel il-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati wahda wahda, il-Qorti tinnota li l-argument kollu beda wara li l-kwerelanti marru biex jidhlu fi stabbiliment partikolari u ppretendew li jidhlu minghajr hlas jew li jsir hlas ta' persuna wahda biss u eventwalment gara li gara. Fuq bazi ancillari, il-Qorti tinnota li jekk il-kwerelanti ma kienux kuntenti li kellhom ihallsu wara li gew mitluba jaghmlu l-hlas rikjest, imisshom qabdu u telqu l-barra bi sliem minghajr rabja. Jirrizulta li l-kwerelant Christian Micallef kien irrabjat ferm ghall-fatt li gew mitluba l-hlas relattiv. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li kemm l-imputati u kif ukoll il-kwerelanti offendew lil xulxin. Il-Qorti tinnota li xejn ma kienu kredibbli l-imputati meta ddeskrivew kif sehh l-argument fiziku bejniethom u l-kwerelanti. Xejn ma huwa kredibbli Benny Zammit meta gie mistoqsi jghid minn fejn gew il-griehi sofferti minn Christian Micallef. Huma ferm aktar kredibbli l-kwerelanti meta jiddeskrivu kif sehh l-attakk fis-sens li filwaqt li z-zewg imputati bdew jagredixxu lil Christian Micallef, Geraldine Sammut spiccat involuta wara li dahlet bejniethom u spiccat laqtet xi daqqiet. Il-kwerelanti fil-kawza odjerna jaghmlu riferenza ghal lembuba li kien qed juza Kenneth Micallef. Minkejja li meta saret tfittxija ma nstabet l-ebda lembuba, il-Qorti jirrizultalha li ma ghandhiex ghalfejn tiddubita dan il-fatt. Qieghed jinghad hekk *stante* li din il-lembuba ssemmiet sa mill-mument li Geraldine Sammut tat il-

verzjoni taghha lil PS 676 Edelon Spiteri ta' kif kien gara l-akkadut. Il-Qorti tinnota wkoll li fir-rapport tieghu (Dok. "MS" – *a fol.* 65 *et seq.*), Dr. Mario Scerri jghid li l-lezjonijiet deskritti fuq id-dahar ta' Christian Micallef kienu kollha fl-istess direzzjoni u li huwa jaqbel li dawn kienu kompatibbli ma' daqqiet bi strument tawwali li ma jaqtax u bla ponta bhal ma hija lembuba.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-imputati fil-kawza odjerna ma humiex f'pozizzjoni li jinvokaw l-legittima difesa jew li gew provokati. Dan japplika wkoll fil-kaz tal-kwerelanti fil-kawza fejn huma imputati. Il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, jghid hekk (pagna 104):

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputati jistghu jinvokaw il-legittima difesa da parte taghhom u dana *stante* li ma jirrizultax li saret xi difiza da parte taghhom *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq.

Illi, kif diga nghad aktar il-fuq, lanqas ma jista' jigi nvokat l-iskuzanti tal-provokazzjoni. *Di fatti*, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-Qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza [...] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat

ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Griehi ta' Natura Gravi fuq il-Persuna ta' Christian Micallef)</u>**: Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputati jinsabu akkuzati li kkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Micallef.

Illi l-Qorti tinnota li fir-rigward tal-griehi sofferti minn Christian Micallef jirrizultaw is-segwenti fl-atti processwali:

- Ir-ritratti li gew immarkati minn Dok. "I 1" sa "I 9" (*a fol.* 22).

- Id-depozizzjoni moghtija minn Christian Micallef (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn Micallef jixhed li huwa spicca b'erba' punti go wiccu u kellu daqqiet go dahru. Jghid li dam bil-gibs hames gimghat.

- Fix-xiehda moghtija minn Dr. Coronato Grech (*a fol.* 51 *et seq.*), Dr. Grech jghid li huwa ezamina lil Christian Micallef fejn spjega li kellu feriti f'xofftejh, fuq barra u fil-halq gewwa u li ghamillu madwar hames punti f'wiccu. Jispjega li Christian Micallef kellu wkoll brix f'idejh ix-xellugija fuq subghajh in-naha ta' barra, f'irkupptejh il-leminija, u brix hafif. Jghid li l-griehi li kellu Christian Micallef f'wiccu possibbilment jikklassifikhom bhala gravi. Ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnu fir-rigward ta' Christian Micallef, liema certifikat jinsab immarkat bhala Dok. "G" (*a fol.* 20).

- Id-depozizzjoni moghtija minn Dr. Mario Scerri (*a fol.* 63 *et seq.*) fir-rigward tar-rapport (Dok. "MS" – *a fol.* 65 *et seq.*) redatt minnu fir-rigward ta' Christian Micallef, il-konkluzjonijiet ta' liema rapport gew riprodotti aktar il-fuq. Fir-rapport imsemmi nghad hekk: *"Illi dawn il-*

*lezjonijiet huma ta' natura hafifa ghajr ghal dik ta' fuq ix-xoffa tal-wicc li tista' tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc u li issa tidher izda mhux daqshekk konspikwa minn talking distance"* (*a fol.* 87-88).

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont tal-provi prodotti, il-Qorti tinnota li ma jirrizulta bl-ebda mod xi wiehed mill-kweziti sabiex tista' tinsab htija *da parte* tal-imputat taht l-Artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk l-imputati ma jistghux jigu misjuba hatja talli kkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Micallef. Minkejja dan, m'hemmx dubju li Christian Micallef sofra offizi ta' natura hafifa u abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, il-Qorti jidhrilha li ghandha tinstab htija fl-imputati talli kkagunaw offizi ta' natura hafifa fil-konfront ta' Christian Micallef bil-konsegwenza tad-daqqiet li gie moghti.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Griehi ta' Natura Gravi fuq il-Persuna ta' Geraldine Sammut)</u>**:
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputati jinsabu akkuzati li kkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Geraldine Sammut.

Illi l-Qorti tinnota li fir-rigward tal-griehi sofferti minn Geraldine Sammut jirrizultaw is-segwenti fl-atti processwali:

- Ir-ritratti li gew immarkati minn Dok. "I 1" sa "I 9" (*a fol.* 22).

- Fid-depozizzjoni taghha, Geraldine Sammut (*a fol.* 33 *et seq.*) tispjega li kien fil-mument meta Christian Micallef kien qed jigi attakkat minn Benny Zammit u Kenneth Micallef li hija ndahlet fin-nofs u laqtet id-daqqiet ta' lembuba fuq idha l-leminija. Tghid li ghal griehi li soffriet sarilha l-gibs li damet bih hames gimghat.

- Fid-depozizzjoni tieghu, Dr. Coronato Grech (*a fol.* 51 *et seq.*) spjega li meta huwa ezamina lil Geraldine Sammut, Sammut kellha nefha u hmura qrib subghajha l-kbir. Dr. Grech ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnu fir-rigward ta' Geraldine Sammut, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. "F" (*a fol.* 19).

- Fir-rapport tieghu (Dok. "RA" – *a fol.* 60 *et seq.*), Mr. Raymond Aquilina kkonkluda hekk: *"In-natura tal-ksur li soffriet Ms. Sammut ghandha titqies bhala gravi per durata. Ghalkemm Ms. Sammut ghadha tilmenta bi skumdita' fis-sit ta' ksur fis-sebgha l-kbir tal-id leminija wiehed jistenna li din tfieq ghal kollox. Fi kliem iehor, dan il-ksur m'ghandux ihalli disabilita' permanenti"* (*a fol.* 61).

Illi l-Qorti tinnota li kien Kenneth Micallef li kkawza l-griehi sofferti minn Geraldine Sammut. Ghaldaqstant, l-imputat Benny Zammit m'huwiex ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu. Tenut kont tal-gurisprudenza li saret riferenza ghaliha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, b'mod partikolari l-konkluzjoni tar-rapport ta' Mr. Raymond Aquilina, il-Qorti tinnota li l-imputat Kenneth Micallef ghandu jinstab hati talli kkaguna griehi ta' natura gravi fil-konfront ta' Geraldine Sammut kif stipulat taht Artikoli 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u huwa propjru dan li ser isir.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**
**(Arma ta' tan-Nar, Arma Regolari, Imitazzjoni ta' Arma tan-Nar, Imitazzjoni ta' Arma Regolari)**:
Illi l-Qorti tinnota li minkejja li hija sodisfatta li effettivament intuzat lembuba waqt l-aggressjoni, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova jekk l-imputati kellhomx permess li jgorru armi kif titlob il-ligi. B'hekk m'hemmx dubju li l-imputati ma jistghu qatt jinstabu hatja tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom u ghaldaqstant ser jigu liberati minnha.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Hebb)**:
Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jinstabu hatja taghha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Ksur tal-Bon Ordni jew il-Kwiet tal-Pubbliku)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputati ser jigi misjuba hatja tal-hames (5) imputazzjoni.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess ta' Sustanza Irritanti li huma Projbiti)</u>**:
Illi huwa biss l-imputat Benny Zammit li gie akkuzat b'din l-imputazzjoni. Mill-atti processwali jirrizulta li minn fuq Benny Zammit gie elevat *pepper spray*. Minkejja dan, ma jirrizultax mill-provi fiex kien jikkonsisti dak li rrizulta mit-tfittxija li saret fuq Benny Zammit u li gie ezebit fl-atti processwali. Ma jirrizulta minn imkien x'kien jikkontjeni fih. Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova dan, il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief li ma ssibx htija fl-imputat Benny Zammit fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser tillibera lill-imputat Zammit minnha.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>**:
Illi huwa biss l-imputat Kenneth Micallef li gie akkuzat li rrenda ruhu recidiv. Il-Qorti tinnota li fl-atti processwali ma tirrizulta l-ebda sentenza li allegatament inghatat fil-konfront tal-imputat Kenneth Micallef u ghaldaqstant il-Qorti ser tillibera lill-imputat Kenneth Micallef mill-imputazzjoni msemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li z-zewg imputati ser jigu misjuba hatja li kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian Micallef, huwa biss l-imputat Kenneth Micallef li ser jinstab hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Geraldine Sammut. Iz-zewg imputati ser jinstabu hatja wkoll li kkommettew ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet. L-

imputati ser jigu liberati mill-bqija tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputati u li jirrizultaw pruvati u, kif ukoll, il-fedina penali taghhom (Dok. "C" u "D" – *a fol.* 12 *et seq.*), minn liema jirrizulta li filwaqt li l-imputat Benny Zammit ghandu l-fedina penali tieghu kompletament nadifa, dik tal-imputat Kenneth Micallef mhijiex wahda kompletament nadifa pero fl-istess waqt ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja. Tenut kont ta' dan kollu, il-piena fil-konfront taz-zewg imputati ser tkun wahda diversa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

- fir-rigward ta' Benny (Benedict) Zammit, ma ssibux hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, u wara li rat Artikoli 221(1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Benny (Benedict) Zammit hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1) imputazzjoni, u cioé ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian Micallef, u ssibu hati wkoll tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat Benny (Benedict) Zammit bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum;

- fir-rigward ta' Kenneth Micallef, ma ssibux hati tat-tielet (3) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, u wara li rat Artikoli 216(1)(d), 221(1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Kenneth Micallef hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1)

imputazzjoni, u cioé ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian Micallef, u ssibu hati wkoll tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena.

Il-Qorti twissi lil Benny (Benedict) Zammit bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata msemmi hawn fuq.

Il-Qorti spjegat lil Kenneth Micallef fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-*pepper spray* (Dok. "ES 1" – *a fol.* 43) ezebit f'dawn il-proceduri u dana taht il-harsien tar-Registratur.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hatja b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Christian Micallef u Geraldine Sammut.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hatja jhallsu *in solidum* bejniethom l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€242.28).[4]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

[4] L-ispejjez finali taz-zewg rapporti huma s-segwenti: €120.00 (Dok. "RA" - *a fol.* 61 *tergo*) u €244.56 (Dok. "MS" - *a fol.* 90 *tergo*). Tenut kont ta' dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2011 (*a fol.* 49 u 50), fir-rigward tal-ispejjez li jirrigwardaw ir-rapport redatt minn Dr. Mario Scerri, il-Qorti ser tikkunsidra nofs l-ispejjez, u cioé is-somma ta' €122.28.